Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Jannar 2019**
**(OR. en)**

**5065/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0437(NLE)**

**CORDROGUE 1**
**SAN 1**
**RELEX 3**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 7 ta' Jannar 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 862 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 862 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 862 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.1.2019
COM(2018) 862 final

2018/0437 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fit-62 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fir-rigward tal-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.

## 2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi")[1] għandha l-għan li tiġġieled l-abbuż tad-drogi permezz ta' azzjoni kkoordinata fil-livell internazzjonali. Hemm żewġ forom ta' intervent u kontroll li jaħdmu id f'id. L-ewwel nett, din tfittex li tillimita l-pussess, l-użu, il-kummerċ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-manifattura u l-produzzjoni ta' drogi esklużivament għal skopijiet mediċi u xjentifiċi. It-tieni nett, din tiġġieled kontra t-traffikar tad-droga permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali sabiex tiddisswadi u tiskoraġġixxi lit-traffikanti tad-droga.

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi")[2] tistabbilixxi sistema ta' kontroll internazzjonali għas-sustanzi psikotropiċi. Din tat tweġiba għad-diversifikazzjoni u l-espansjoni tal-ispettru tad-drogi u introduċiet kontrolli fuq numru ta' drogi sintetiċi skont l-abbuż potenzjali tagħhom minn naħa u l-valur terapewtiku tagħhom min-naħa l-oħra.

L-Istati Membri kollha tal-UE huma firmatarji tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. L-Unjoni mhijiex parti fil-Konvenzjonijiet.

### 2.2. Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi

Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (Commission on Narcotic Drugs - CND) hija kummissjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (UN Economic and Social Council - ECOSOC) u l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha huma mniżżla, fost l-oħrajn, fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u fil-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Hija magħmula minn 53 Stat Membru tan-NU eletti mill-ECOSOC. Bħalissa, 11-il Stat Membru huma membri tas-CND bid-dritt li jivvutaw[3]. L-Unjoni għandha status ta' osservatur fis-CND.

### 2.3. L-att previst tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi

Is-CND temenda fuq bażi regolari l-lista ta' sustanzi li huma annessi mal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li tingħata pariri mill-Kumitat ta' Esperti tagħha dwar id-Dipendenza fuq id-Droga.

---

[1] United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 978, Nru. 14152.

[2] United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 1019, Nru. 14956.

[3] L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, is-Slovakkja u Spanja.

Fis-7 ta' Diċembru tal-2018 id-WHO rrakkomandat lis-Segretarju Ġenerali tan-NU[4] biex iżid 10 sustanzi minn dawk li ġew rieżaminati b'mod kritiku mill-Kumitat ta' Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga mal-iskedi tal-Konvenzjonijiet. Mhi se tingħata l-ebda rakkomandazzjoni għal skedar fir-rigward tas-sustanzi l-oħra li ġew rieżaminati mill-Kumitat ta' Esperti tal-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga.

Fit-tnejn u sittin sessjoni tagħha, li se sseħħ fi Vjenna mit-18 sat-22 ta' Marzu 2019, is-CND se tadotta d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar ta' dawn l-10 sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi rispettivament.

## 3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TIĠI ADOTTATA F'ISEM L-UNJONI

Il-bidliet fl-iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-droga għall-Istati Membri kollha. L-Artikolu 1(1)(a) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-drogi[5] jiddikjara li, għall-finijiet tad-Deċiżjoni Kwadru, "droga" tfisser sustanza koperta jew mill-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew mill-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi u kwalunkwe waħda mis-sustanzi mniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru. Għaldaqstant id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għaldaqstant kwalunkwe tibdil fl-Iskedi annessi ma' dawn il-konvenzjonijiet jolqot b'mod dirett ir-regoli komuni tal-UE u jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TFUE. Dan huwa irrispettivament minn jekk is-sustanza kkonċernata kinitx diġà tqiegħdet taħt kontroll madwar l-UE abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.[6]

Mill-10 sustanzi li ġew rieżaminati b'mod kritiku mill-Kumitat ta' Esperti tal-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga u li qiegħed jiġi rrakomandat li jiġu skedati, huma biss erba' sustanzi, ADB-CHMINACA[7], CUMYL-4CN-BINACA[8], il-metossiaċetilfentanil u ċ-

[4] Id-dikjarazzjoni orali waqt il-61 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi li reġgħet tlaqqgħet fis-7 ta' Diċembru 2018.

[5] ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2017/2103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI sabiex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI, ĠU L 305, 21.11.2017, p. 12.

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tħassret mit-23 ta' Novembru 2018 mid-Direttiva (UE) 2017/2103. Is-sustanzi kollha suġġetti għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI ġew inklużi f'Anness mad-Direttiva, li sar l-Anness mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI emendata, fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2103. Is-sustanzi li ġew suġġetti għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI bejn Novembru 2017, meta ġiet adottata l-leġiżlazzjoni l-ġdida, u t-23 ta' Novembru 2018 se jinżiedu fl-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru permezz ta' att delegat li bħalissa huwa suġġett għall-iskrutinju tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2018) 8460).

[7] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid (ADB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll, ĠU L 125, 22.5.2018, p. 8.

[8] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva ġdida 1-(4-cyanobutyl)-N-(2-fenilpropan-2-yl)-1H-indazol-3-karbossammid (CUMYL-4CN-BINACA) għal miżuri ta' kontroll, ĠU L 125, 22.5.2018, p. 10.

ċiklopropilfentanil[9], li huma diġà suġġetti għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni. Is-sustanzi l-oħrajn għadhom mhumiex suġġetti għal miżuri ta' kontroll madwar l-Unjoni.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-abbozz ta' pożizzjoni komuni tal-UE tissuġġerixxi li jingħata appoġġ għar-rakkomadazzjonijiet tad-WHO billi dawn huma konformi mal-qagħda attwali tal-għarfien xjentifiku. Fir-rigward tas-sustanzi psikoattivi, iż-żieda ta' dawn is-sustanzi fl-Iskeda taż-żewġ Konvenzjonijiet hija appoġġata wkoll mill-informazzjoni li hija disponibbli mill-Bażi ta' *data* Ewropea dwar Drogi Ġodda taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA).

Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jippreparaw il-laqgħa tas-CND meta din tissejjaħ biex jiddeċiedu dwar l-iskedar ta' sustanzi billi jilħqu pożizzjoni komuni fil-Kunsill. Tali pożizzjoni, minħabba l-limitazzjonijiet intrinsiċi tal-istatus ta' osservatur tal-Unjoni, għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li jkunu membri attwali tas-CND, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni fi ħdan is-CND. L-Unjoni, li ma hijiex parti fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u fil-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, ma għandhiex id-dritt li tivvota fis-CND.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni qed tipproponi li tittieħed pożizzjoni komuni f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tnejn u sittin sessjoni tas-CND dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Din hija t-tielet darba li l-Kummissjoni qiegħda tippreżenta abbozz ta' proposta għal pożizzjoni komuni tal-UE, wara dik adottata għal-laqgħa tas-CND f'Marzu 2017 u 2018.[10] Il-Kunsill adotta l-pożizzjonijiet komuni[11] u dan ippermetta lill-UE titkellem b'vuċi waħda fil-laqgħat preċedenti tas-CND dwar l-iskedar internazzjonali, billi l-Istati Membri li pparteċipaw fis-CND ivvotaw favur l-iskedar f'konformità mal-pożizzjoni komuni adottata.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għal deċiżjonijiet li jistabbilixxu *"il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti ġuridiċi, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika indipendentement minn jekk l-Unjoni tkunx membru ta' korp jew parti fil-ftehim inkwistjoni. Is-CND hija "korp imwaqqaf bi ftehim" fi ħdan it-tifsira ta' dan l-Artikolu, minħabba li hija korp li ngħata kompiti speċifiċi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Il-kunċett ta' *"atti li jkollhom effetti ġuridiċi"* jinkludi l-atti li jkollhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi l-istrumenti li ma

9 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 tat-28 ta' Settembru 2018 li tissottoponi s-sustanzi psikoattivi l-ġodda *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossammid (ċiklopropilfentanil) u 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2- feniletil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil) għal miżuri ta' kontroll, ĠU L 245, 1.10.2018, p. 9.

10 COM(2017) 72 final u COM(2018) 31 final.

11 Adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-7 ta' Marzu 2017 u fis-27 ta' Frar 2018, rispettivament.

għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *"jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni"*[12].

Id-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND huma "atti li għandhom effetti ġuridiċi" skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Skont il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, id-deċiżjonijiet tas-CND isiru vinkolanti awtomatikament, sakemm parti ma tkunx ippreżentat id-deċiżjoni għal rieżami lill-ECOSOC fil-perjodu ta' żmien applikabbli[13]. Id-deċiżjonijiet tal-ECOSOC dwar din il-kwistjoni huma finali. Id-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND għandhom ukoll effetti ġurudiċi fl-ordinament ġuridiku tal-UE bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI. Il-bidliet fl-iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti għall-ambitu tal-applikazzjoni ta' dan l-istrument legali tal-UE.

### 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mat-traffikar illeċitu tad-droga.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li tidentifika t-traffikar illeċitu tad-droga bħala wieħed mir-reati b'dimensjoni transfruntiera speċjali u tagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-droga.

### 4.3. Ġeometrija varjabbli

F'konformità mal-Artikolu 10(4) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet transitorji annessi mat-Trattati, ir-Renju Unit innotifika li ma jaċċettax is-setgħat sħaħ tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' atti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali li ġew adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Bħala konsegwenza, id-Deċiżjoni Kwadru 2004/757 ĠAI waqfet milli tapplika għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014[14].

Peress li d-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND ma jaffettwawx ir-regoli komuni fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-drogi li bih huwa marbut ir-Renju Unit, dan l-Istat Membru ma jipparteċipax fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni meta deċiżjonijiet ta' skedar simili jiġu adottati.

Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill Nru 2004/757/ĠAI applikabbli sat-22 ta' Novembru 2018 li tistipula fl-Artikolu 1 tagħha li "drogi" għandhom ifissru kwalunkwe waħda mis-sustanzi koperti jew mill-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew mill-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Peress li d-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND ma jaffettwawx ir-regoli komuni fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-drogi li bih hija marbuta d-Danimarka, id-Danimarka tipparteċipa fl-

[12] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, il-Kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

[13] L-Artikolu 3(7) tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi; L-Artikolu 2(7) tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

[14] Ara l-punt 29 tal-Lista ta' atti tal-Unjoni adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014 skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 10(4), tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji (ĠU C 430 tal-1.12.2014, p. 17).

adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni meta jiġu adottati deċiżjonijiet ta' skedar simili.

### 4.4. Konklużjoni

L-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu, jifformaw il-bażi ġuridika ta' din il-proposta.

## 5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

2018/0437 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972[15] (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi") daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.

(2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Tista' tagħmel tibdiliet fl-Iskedi biss fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), iżda tista' wkoll tiddeċiedi li ma tagħmilx il-bidliet irrakkomandati mid-WHO.

(3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi")[16] daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.

(4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tneħħihom, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Hija għandha setgħat diskrezzjonali wiesgħa biex tieħu kont tal-effetti ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u ta' fatturi oħra, iżda ma tistax taġixxi b'mod arbitrarju.

(5) Il-bidliet fl-Iskedi taż-żewġ Konvenzjonijiet għandhom riperkussjonijiet diretti fuq l-ambitu tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[17] tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għaldaqstant kwalunkwe tibdil fl-Iskedi annessi ma' dawk il-Konvenzjonijiet jaffettwa b'mod dirett ir-regoli komuni tal-Unjoni u jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

---

15 United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 978, Nru. 14152.

16 United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 1019, Nru. 14956.

17 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

(6) Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi għandha, matul it-tnejn u sittin sessjoni mit-18 sat-22 ta' Marzu 2019 fi Vjenna, tadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' 10 sustanzi ġodda mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet tan-NU.

(7) L-Unjoni mhijiex Parti fil-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU. Hija għandha status ta' osservatur fi ħdan il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fejn attwalment ħdax-il Stat Membru huma membri bid-dritt għall-vot. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi peress li d-deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi ġodda mal-Iskedi tal-Konvenzjonijiet jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

(8) Id-WHO rrakkomandat iż-żieda ta' ħames sustanzi ġodda fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u ħames sustanzi ġodda fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.[18]

(9) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat Espert tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (il-"Kumitat Espert"), ADB-FUBINACA (isem kimiku: *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-yl)-1-(4-fluworobenżil)-*1*H-indażolu-3-karbossammid) hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi li turi effetti simili tat-Tetraidrokannabinol (THC), li hija responsabbli għall-effetti psikoattivi maġġuri tal-kannabis. ADB-FUBINACA ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li ADB-FUBINACA qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li ADB-FUBINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(10) ADB-FUBINACA hija mmonitorjata miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) bħala sustanza psikoattiva ġdida skont ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[19] ADB-FUBINACA nstabet f'19-il Stat Membru u hija kkontrollata f'mill-anqas għaxar Stati Membri. Ġiet assoċjata ma' tal-anqas żewġ imwiet u erba' intossikazzjonijiet akuti, u kienet is-suġġett ta' twissija relatata mas-saħħa pubblika maħruġa lis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Unjoni Ewropea.

(11) Għaldaqstant, l-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu l-pożizzjoni li jżidu ADB-FUBINACA fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(12) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat Espert, FUB-AMB (magħrufa wkoll bħala MMB-FUBINACA jew AMB-FUBINACA; isem kimiku: metil (2S)-2-[[1-[(4-fluworofenil)metil]indażolu-3-karbonil]ammin]-3-metilbutanoat; metil-2-(1-(4-fluwiorobenżil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid)-3-metilbutanoat) hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi li turi effetti simili tat-THC, li hija responsabbli għall-effetti psikoattivi maġġuri tal-kannabis. FUB-AMB ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li FUB-AMB qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO

[18] Id-dikjarazzjoni orali waqt il-61 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi li reġgħet tlaqqgħet fis-7 ta' Diċembru 2018.

[19] Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

tirrakkomanda li FUB-AMB titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(13) FUB-AMB hija mmonitorjata mill-EMCDDA bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006. FUB-AMB instabet fi 23-il Stat Membru u hija kkontrollata f'mill-anqas erba' Stati Membri. Ġiet assoċjata ma' tal-anqas żewġ imwiet u żewġ intossikazzjonijiet akuti.

(14) Għaldaqstant, l-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu l-pożizzjoni li jżidu FUB-AMB fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(15) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, ADB-CHMINACA (isem kimiku: N-[(2S)-1-ammin-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il]-1-(ċikloessilmetil)indażolu-3-karbossammid; *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid) hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi li turi effetti simili tat-THC, li hija responsabbli għall-effetti psikoattivi maġġuri tal-kannabis. ADB-CHMINACA ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li ADB-CHMINACA qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li ADB-CHMINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(16) ADB-CHMINACA diġà hija suġġetta għal miżuri ta' kontroll fil-livell tal-Unjoni permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/747.[20]

(17) Għaldaqstant, l-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu l-pożizzjoni li jżidu ADB-CHMINACA fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(18) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, CUMYL-4CN-BINACA (isem kimiku: 1-(4-ċjanobutil)-*N*-(1-metil-1-feniletil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid) hija agonista sintetika tar-riċettur kannabinojdi li turi effetti simili tat-THC, li hija responsabbli għall-effetti psikoattivi maġġuri tal-kannabis. CUMYL-4CN-BINACA ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li CUMYL-4CN-BINACA qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li CUMYL-4CN-BINACA titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(19) CUMYL-4CN-BINACA diġà hija suġġetta għal miżuri ta' kontroll fil-livell tal-Unjoni permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/748.[21]

(20) Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-pożizzjoni li jżidu CUMYL-4CN-BINACA fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(21) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, ċiklopropilfentanil (isem kimiku: *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil) piperidin-4-il]ċiklopropankarbossammid) hija opjojde sintetika u hija strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata b'mod wiesa' fil-mediċina għal anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. Iċ-

[20] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid (ADB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 8).

[21] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva ġdida 1-(4-cyanobutyl)-N-(2-fenilpropan-2-yl)-1H-indazol-3-karbossammid (CUMYL-4CN-BINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 10).

ċiklopropilfentanil ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li ċiklopropilfentanil qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li ċiklopropilfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(22) Iċ-ċiklopropilfentanil diġà hija suġġetta għal miżuri ta' kontroll fil-livell tal-Unjoni permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/1463.[22]

(23) Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu ċiklopropilfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(24) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, metossiaċetilfentanil (isem kimiku: 2-metossi-*N*-(1-fenethilpiperidin-4-il)-*N*-fenilaċetammid) hija opjojde sintetika u hija strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata b'mod wiesa' fil-mediċina għal anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. Il-metossiaċetilfentanil ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li metossiaċetilfentanil qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li metossiaċetilfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(25) Metossiaċetilfentanil diġà hija suġġetta għal miżuri ta' kontroll fil-livell tal-Unjoni permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2018/1463.

(26) Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu metossiaċetilfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(27) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, *orto*-fluworofenatil (isem kimiku: *N*-(2-fluworofenil)-*N*-[1-(2-feniletil)-4-piperidinil]-propanammid) hija opjojde sintetika u hija strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata b'mod wiesa' fil-mediċina għal anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. *Orto*-fluworofenatil ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li *orto*-fluworofenatil qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li *orto*-fluworofenatil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(28) *Orto*-fluworofenatil hija mmonitorjata mill-EMCDDA bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006. *Orto*-fluworofenatil instabet f'ħames Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas erba' Stati Membri. Ġiet assoċjata ma' tal-anqas erbat imwiet u żewġ intossikazzjonijiet akuti.

(29) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-pożizzjoni li jżidu *orto*-fluworofenatil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(30) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, *p*-fluworo-butirifenatil (magħrufa ukoll bħala 4-fluworo-butirifenatil jew 4F-BF; isem kimiku: *N*-(4-fluworofenil)-*N*-[1-(2-

[22] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 tat-28 ta' Settembru 2018 li tissottoponi s-sustanzi psikoattivi l-ġodda *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossammid (ċiklopropilfentanil) u 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2- feniletil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil) għal miżuri ta' kontroll, ĠU L 245, 1.10.2018, p. 9.

feniletil)piperidin-4-il]-butanammid) hija opjojde sintetika u hija strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata b'mod wiesa' fil-mediċina għal anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. *p*-Fluworo-butirilfenatil tista' tiġi kkonvertita fl-isomeru tagħha *p*-fluworo-isobutirilfentanil, li hija elenkata fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. *p*-Fluworo-butirilfentanil ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li *p*-fluworo-butirilfentanil qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li *p*-fluworo-butirilfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(31) *p*-Fluworo-butirilfenatil hija mmonitorjata mill-EMCDDA bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 (taħt l-isem 4-fluworo-butirfentanil / 4F-B). *p*-Fluworo-butirilfenatil instabet f'seba' Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas seba' Stati Membri. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq. Ġiet assoċjata ma' tal-anqas tliet imwiet.

(32) Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu *p*-fluworo-butirilfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(33) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, *p*-metossi-butirilfentanil (isem kimiku: *N*-(4-metossifenil)-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-yl]butanammid) hija opjojde sintetika u hija strutturalment simili għall-fentanil, sustanza kkontrollata użata b'mod wiesa' fil-mediċina għal anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġigħ. *p*-Metossi-butirilfentanil ma għandha l-ebda użu terapewtiku rreġistrat, u l-użu tagħha rriżulta f'imwiet. Hemm biżżejjed evidenza li *p*-metossi-butirilfentanil qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li *p*-metossi-butirilfentanil titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(34) *p*-Metossi-butirilfentanil hija mmonitorjata mill-EMCDDA bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 (taħt l-isem 4-methossibutirfentanil / 4-MeO-BF). *p*-Metossi-butirilfentanil instabet f'żewġ Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas erba' Stati Membri. Hija qed tinbiegħ pubblikament fis-suq. Ġiet assoċjata ma' tal-anqas żewġ imwiet.

(35) Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu *p*-methossi-butirilfentanil fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(36) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, *N*-etilnorpentilon (isem kimiku: 1-(2*H*-1,3-benzodiossol-5-yl)-2-(etilamin)pentan-1-one) hija katinon sintetiku. *N*-Etilnorpentilon ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma rċeviet awtorizzazzjoni biex titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Il-qabdiet li saru jindikaw li *N*-etilnorpentilon tinsab f'forma ta' trab, kristall, kapsuli u pinnoli. Jeżistu eżempji fejn din id-droga inbiegħet bil-moħbi bħala "ecstasy"/MDMA[23]. Hemm biżżejjed evidenza li *N*-etilnorpentilon qed tiġi jew x'aktarx qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li *N*-etilnorpentilon titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(37) *N*-Etilnorpentilon hija mmonitorjata mill-EMCDDA bħala sustanza psikoattiva ġdida skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 (taħt l-isem Efilon). F*N*-

[23] MDMA tfisser 3,4-Metilenediossimetanfetamina, magħrufa normalment bħala ecstasy.

Etilnorpentilon instabet f'24-il Stat Membru u hija kkontrollata f'mill-anqas sitt Stati Membri. Din qed tinbiegħ pubblikament fis-suq kif ukoll f'taħlit mal-MDMA, kokaina u ketamina. Ġiet assoċjata ma' tal-anqas sebat imwiet u seba' intossikazzjonijiet akuti.

(38) Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-pożizzjoni li jżidu *N*-etilnorpentilon fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(39) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, peress li d-deċiżjonijiet dwar id-deċiżjonijiet differenti dwar l-iskedar fir-rigward tal-10 sustanzi se jkunu kapaċi li b'mod deċiżiv jinfluwenzaw il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI.

(40) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li dawn jaġixxu b'mod konġunt.

(41) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(42) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI, kif emendata, u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(43) Ir-Renju Unit mhuwiex marbut bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI, kif emendata, u għalhekk mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi mit-18 sat-22 ta' Marzu 2018, meta dak il-korp jintalab biex jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li dawn jaġixxu b'mod konġunt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*